2025/1459

25.7.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1459

tal-24 ta' Lulju 2025

dwar id-derogi mir-regoli tal-oriġini stabbiliti fil-Protokoll 4 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, li japplikaw fil-kwoti għal ċerti prodotti mit-Tuneżija

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 58(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Tuneżija li temenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), billi tissostitwixxi l-Protokoll 4 tiegħu dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva ([2]), ġiet adottata fit-22 ta' Jannar 2025 u daħlet fis-seħħ f'dik id-data.

(2) L-Artikolu 6 tal-Protokoll 4 jipprevedi derogi mir-regoli tal-oriġini stabbiliti f'dak il-Protokoll fil-qafas tal-kwoti annwali mogħtija lit-Tuneżija għal perjodu ta' 5 snin. Għaldaqstant jeħtieġ jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dik id-deroga għall-importazzjonijiet mit-Tuneżija.

(3) L-Artikolu 1(1) tal-Appendiċi B tal-Protokoll 4 jipprevedi li d-dritt li wieħed jibbenefika mid-derogi irid ikun soġġett għall-preżentazzjoni tal-prova tal-oriġini rilevanti lill-awtoritajiet doganali.

(4) L-Artikolu 1(4) tal-Appendiċi B tal-Protokoll 4 jipprevedi li l-Unjoni trid tiġġestixxi dawk il-kwoti fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Il-Kummissjoni trid tiġġestixxi dawk il-kwoti f'konformità mar-regoli dwar il-ġestjoni tal-kwoti tariffarji stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([3]).

(5) Sabiex jiġu żgurati l-applikazzjoni u l-ġestjoni effettivi tal-kwoti mogħtija skont il-Protokoll 4, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mit-22 ta' Jannar 2025, id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak il-Protokoll.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

([1]) ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni Nru 1/2025 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Tuneżija tat-22 ta' Jannar 2025 li temenda l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, billi tissostitwixxi l-Protokoll Nru 4 tiegħu dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti oriġinarji" u l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva (ĠU L, 2025/324, 20.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/324/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2447/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Jinfetħu kwoti annwali tal-Unjoni għall-oġġetti li joriġinaw mit-Tuneżija kif stabbilit fl-Anness u għandhom japplikaw għal perjodu ta' 5 snin.

Artikolu 2

Biex jibbenefikaw mid-derogi stabbiliti fl-Artikolu 6 tal-Protokoll 4 tal-Ftehim, il-prodotti elenkati fl-Anness għandhom ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tal-moviment EUR.1 kif stabbilit f'dak il-Protokoll, li fil-kaxxa 7 ikun fih id-dikjarazzjoni bil-Franċiż: "Dérogation – Appendice B du Protocole 4".

Artikolu 3

Il-kwoti stabbiliti fl-Anness għandhom jiġu ġestiti f'konformità mal-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.

Artikolu 4

Il-ġbid minn kull kwota annwali għandu jitwaqqaf fl-għoxrin jum ta' xogħol tal-Kummissjoni wara t-tmiem tal-perjodu annwali. Meta fis-sena N jintuża inqas minn 85 % tal-volum tal-kwota annwali elenkata, l-allokazzjoni tal-kwota għal dik il-linja speċifika għandha tiġi riportata għal limitu ta' 15 % tal-kwota għas-sena N għas-sena N+1 ta' wara.

Artikolu 5

Fil-kuntest tal-ġestjoni tal-prodotti li jibbenefikaw mill-kwoti annwali elenkati, meta l-kwota tiġi eżawrita, il-volum inizjali tagħha jiżdied awtomatikament b' 10 % tal-volum totali tal-kwota prevista fis-sena N+1. Il-volum tal-kwota għas-sena N+1 għandu mbagħad ikun limitat għal 90 %. Il-volumi mhux użati fis-sena N għandhom jiżdiedu ma' dawk id-90 % tal-kwota għas-sena N+1.

Artikolu 6

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għall-finijiet tal-ġestjoni tal-kwoti, "sena" għandha tfisser, għall-ewwel sena, il-perjodu ta' 12-il xahar mit-22 ta' Jannar 2025, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll 4 tal-Ftehim u, għas-snin sussegwenti, il-perjodu ta' 12-il xahar mit-tmiem tas-sena preċedenti.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-22 ta' Jannar 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Minkejja r-regoli għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, il-kliem użat għad-deskrizzjoni tal-prodotti jrid jitqies biss bħala kliem ta' valur indikattiv, peress li d-deroga hija ddeterminata, fil-kuntest ta' dan l-Anness, bil-kopertura tal-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda (NM 2025) ([1]).

Nru tal-ordni	Nomenklatura Magħquda (NM 2025)	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħdim jew ipproċessar, magħmulin fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju	Kwota annwali għall-esportazzjonijiet mit-Tuneżija lejn l-Unjoni Ewropea: mill-ewwel sena sa tmiem it-tielet sena	Kwota annwali għall-esportazzjonijiet mit-Tuneżija lejn l-Unjoni Ewropea: mir-raba' sena sa tmiem il-ħames sena
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
09.1228	6103 42 00	Qliezet, overalls bil-vavalor u biċ-ċingi, qliezet ta' taħt l-irkoppa u xorzijiet tal-qoton tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	139 000 unità	108 000 unità
09.1229	6103 49 00	Qliezet, overalls bil-vavalor u biċ-ċingi, qliezet ta' taħt l-irkoppa u xorzijiet ta' materjali tessili għajr tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri sintetiċi tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	101 700 unità	71 100 unità
09.1230	6104 62 00	Qliezet, overalls bil-vavalor u biċ-ċingi, qliezet ta' taħt l-irkoppa u xorzijiet tal-qoton tan-nisa jew tal-bniet	Qtugħ tad-drapp u tfassil	310 000 unità	213 000 unità
09.1231	6104 63 00	Qliezet, overalls bil-vavalor u biċ-ċingi, qliezet ta' taħt l-irkoppa u xorzijiet ta' fibri sintetiċi tan-nisa jew tal-bniet	Qtugħ tad-drapp u tfassil	248 600 unità	174 200 unità
09.1232	6105 10 00	Qomos tal-qoton tal-irġiel jew tas-subien, innittjati jew maħdumin bil-ganċ	Qtugħ tad-drapp u tfassil	235 000 unità	160 500 unità
09.1233	6106 20 00	Blouses, qomos u kamiċetti ta' fibri magħmulin mill-bniedem tan-nisa jew tal-bniet, innittjati jew maħdumin bil-ganċ	Qtugħ tad-drapp u tfassil	71 200 unità	51 600 unità
09.1234	6108 22 00	Briefs u qliezet ta' taħt ta' fibri magħmulin mill-bniedem tan-nisa jew tal-bniet	Qtugħ tad-drapp u tfassil	610 500 unità	416 000 unità

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2522 tat-23 ta' Settembru 2024 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ĠU L, 2024/2522, 31.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/2522/oj.

Nru tal-ordni	Nomenklatura Magħquda (NM 2025)	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħdim jew ipproċessar, magħmulin fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju	Kwota annwali għall-esportazzjonijiet mit-Tuneżija lejn l-Unjoni Ewropea: mill-ewwel sena sa tmiem it-tielet sena	Kwota annwali għall-esportazzjonijiet mit-Tuneżija lejn l-Unjoni Ewropea: mir-raba' sena sa tmiem il-ħames sena
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
09.1235	6108 31 00	Ilbiesi tas-sodda u piġami tal-qoton tan-nisa jew tal-bniet	Qtugħ tad-drapp u tfassil	113 000 unità	76 800 unità
09.1236	6109 10 00, 6109 90 20	T-shirts, flokkijiet ta' taħt taċ-ċingi u flokkijiet ta' taħt oħrajn, tal-qoton, tas-suf jew tax-xagħar fin tal-annimali jew ta' fibri magħmulin mill-bniedem, innittjati jew maħdumin bil-ganċ	Qtugħ tad-drapp u tfassil	4 764 080 unità	2 635 800 unità
09.1237	6112 31 90	Malji tal-għawm ta' fibri sintetiċi tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	237 300 unità	160 400 unità
09.1238	6112 41 90	Malji tal-għawm ta' fibri sintetiċi tan-nisa jew tal-bniet	Qtugħ tad-drapp u tfassil	768 400 unità	595 900 unità
09.1239	6201 30 10	Palitojiet, ġakkuni, imnatar, kapep, anoraks, ġkieket li jilqgħu għar-riħ u oġġetti simili tal-qoton tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	45 000 unità	33 000 unità
09.1240	6201 40 10	Palitojiet, ġakkuni, imnatar, anoraks, ġkieket li jilqgħu għar-riħ u oġġetti simili ta' fibri magħmulin mill-bniedem tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	54 000 unità	42 000 unità
09.1241	6201 90 00	Palitojiet, ġakkuni, imnatar, kapep, anoraks, ġkieket li jilqgħu għar-riħ u oġġetti simili ta' materjali tessili oħrajn tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	26 000 unità	20 000 unità
09.1242	6203 23 10	Tibdiliet ikkoordinati industrijali u li għandhom x'jaqsmu max-xogħol ta' fibri sintetiċi tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	113 000 unità	88 300 unità
09.1243	6203 32 10	Ġkieket u blejżers tal-qoton, industrijali u li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	84 750 unità	65 300 unità

Nru tal-ordni	Nomenklatura Magħquda (NM 2025)	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħdim jew ipproċessar, magħmulin fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju	Kwota annwali għall-esportazzjonijiet mit-Tuneżija lejn l-Unjoni Ewropea: mill-ewwel sena sa tmiem it-tielet sena	Kwota annwali għall-esportazzjonijiet mit-Tuneżija lejn l-Unjoni Ewropea: mir-raba' sena sa tmiem il-ħames sena
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
09.1244	6203 33 10	Ġkieket u blejżers ta' fibri sintetiċi, industrijali u li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	120 000 unità	94 000 unità
09.1245	6203 42 11	Qliezet u qliezet ta' taħt l-irkoppa tal-qoton industrijali u li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	237 300 unità	194 800 unità
09.1246	6203 42 31	Qliezet u qliezet ta' taħt l-irkoppa tad-denim tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	3 220 000 unità	2 540 000 unità
09.1247	6203 42 35	Qliezet u qliezet ta' taħt l-irkoppa tal-qoton (għajr tad-denim jew tal-corduroy) tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	791 000 unità	630 000 unità
09.1248	6203 42 90	Qomos tal-qoton tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	140 000 unità	100 000 unità
09.1249	6203 43 11	Qliezet u qliezet ta' taħt l-irkoppa tax-xogħol ta' fibri sintetiċi tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	240 000 unità	170 000 unità
09.1250	6203 49 90	Qliezet, overalls bil-vavalor u biċ-ċingi, qliezet ta' taħt l-irkoppa u xorzijiet ta' materjali tessili għajr tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri sintetiċi magħmulin mill-bniedem tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	60 500 unità	56 000 unità
09.1251	6204 42 00	Ilbiesi tal-qoton tan-nisa jew tal-bniet	Qtugħ tad-drapp u tfassil	90 400 unità	71 000 unità
09.1252	6204 43 00	Ilbiesi ta' fibri sintetiċi tan-nisa jew tal-bniet	Qtugħ tad-drapp u tfassil	210 000 unità	160 000 unità
09.1253	6204 44 00	Ilbiesi ta' fibri artifiċjali tan-nisa jew tal-bniet	Qtugħ tad-drapp u tfassil	150 000 unità	122 000 unità
09.1254	6204 62 31	Qliezet u qliezet ta' taħt l-irkoppa tad-denim tan-nisa jew tal-bniet	Qtugħ tad-drapp u tfassil	1 515 000 unità	1 390 000 unità
09.1255	6204 62 39	Qliezet u qliezet ta' taħt l-irkoppa tal-qoton (għajr tad-denim jew tal-corduroy) tan-nisa jew tal-bniet	Qtugħ tad-drapp u tfassil	580 000 unità	470 000 unità

Nru tal-ordni	Nomenklatura Magħquda (NM 2025)	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħdim jew ipproċessar, magħmulin fuq materjali mhux oriġinarji, li jagħti l-istatus oriġinarju	Kwota annwali għall-esportazzjonijiet mit-Tuneżija lejn l-Unjoni Ewropea: mill-ewwel sena sa tmiem it-tielet sena	Kwota annwali għall-esportazzjonijiet mit-Tuneżija lejn l-Unjoni Ewropea: mir-raba' sena sa tmiem il-ħames sena
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
09.1256	6205 20 00	Qomos tal-qoton tal-irġiel jew tas-subien	Qtugħ tad-drapp u tfassil	247 000 unità	170 000 unità
09.1257	6206 40 00	Blouses, qomos u kamiċetti ta' fibri magħmulin mill-bniedem tan-nisa jew tal-bniet	Qtugħ tad-drapp u tfassil	280 000 unità	200 000 unità
09.1258	6211 12 00	Malji tal-għawm tan-nisa jew tal-bniet	Qtugħ tad-drapp u tfassil	300 000 unità	240 000 unità
09.1259	6212 10 90	Riċipetti tat-tipi kollha ta' materjali tessili	Qtugħ tad-drapp u tfassil	995 000 unità	800 000 unità